KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Mons. Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037**
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Mons. Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037.**
**Malta**

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 21

Il-wieħed u għoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Zack Zammit | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:25pm:***

***21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;***

***21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 20;***

***21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;***

***21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;***

***21.5 Approvazzjoni ta' QR 2 (April sa Gunju 2025)***

***21.6 Tiġdid għall-Karti tal-Indentita`***

***21.7 Aċċess għall-baħar – Żoni Pubbliċi***

***21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;***

***21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;***

***21.10 Mozzjonijiet;***

***21.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

## 21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**20.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat u Z Zammit

## 21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 18 u 19

**21.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħat numri 20 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Kien hemm numru ta' korrezzjonijiet għal minuti tal-aħħar laqgħa mingħand il-kunsillier R Borg.

Il-kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier R Borg.

## 21.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 21.3.1 Project Green:

Qed li jsir laqgħa ta' kordinament ma' Project Green, biex jibda l-proġett ta' twaħħil ta' siġar u pjanti varji bejn il-Fortizza u t-Torri, kif ukoll xogħol ta' rrigazzjoni, kif ukoll il-fanali kollha ser isiru mill-ġdid mill-Enemalta.

### 21.3.2 Proġett tar-Riġenerazzjoni ta' GBD:

- Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni tal-proġett Gnien Bonello Dupuis u informa li għad fadal x'jasal bħal bankijiet, bins u mistenni li jasslu minn barra fil-15 t'Ottubru, pero jkun għad fadal jasslu l-bankijiet tas-sand pit area.

- Saret diskussjoni jekk il-ftuħ għal dan il-proġett għandux isir nhar il-Ħadd 26 t'Ottubru 2025 u ma jkunx komplut jew jistenna sakemm jasal kollox. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-data diġa se tkun inbiddlet tlett darbiet u jkun sar *commitment* ma diversi parteċipanti għall-ftuħ.

- Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jikteb lill-kuntrattur biex jagħtina garanzija li l-materjal jasal sal-15 t'Ottubru, 2025.

- Kien hemm qbil li f'kaz ikollna l-konferma ta' dan, il-ftuħ isir fis-26 t'Ottubru, 2025.

### 21.3.4 Toroq u Bankini:

- Is-Sindku informa li xogħol għaddej fi triq il-Karmnu u trqi Ġafar u għad fadal li jsir xogħol ta' bankini u tarmac. Ix-xogħol fi triq il-Karmnu kellu jieqaf matul il-ġimgħa minħabba l-iskola u dan ser jiġi diskuss fid-dettal il-pjan tax-ħidma flimkien ma dawk kollha involuti.

21.3.5 **Proġett ta' Ferro Bay**:
Is-Sindku informa li inbeda x-xogħol u għandu jieħu madwar sitt xhur.

21.3.6 **Kuntratt tat-Tindif MOU**:

- Il-Viċi Sindku informa li kien hemm xi tibdil żgħir fl-MOU l-ftehim wasal biex jiġi ffirmat. Se jkollna għad-dispozzizzjoni għaxar kenniesa u tnejn oħra għall-emergenzi li jinqalgħu mal-ġurnata. Kull kennies se jkollu ż-żona tiegħu.

21.3.7 **Xogħol mill-WSC:**

- Water Services – New Connections fi triq (Gianni Bencini etc. Is-Sindku informa li se jinbiddlu xi mains tal-ilma min-naħa tal WSC fit-toroq Ganni Bencini, Viani u Moroni u Sajjan Lane. Informa li talab garanzija bil-miktub biex wara li jitlesta x-xogħol Sqaq Sajjan tiġi pavimentar kif inhi preżenti.

21.3.8 **Tigne Sea Front**:

- Is-Sindku informa li inqalgħet il-bankina u kif ilestu jgħaddu l-*cable* u jitwaħħlu l-fanali. Ix-Xogħol qed isir bejn erba entitajiet. Fortina jagħtu l-*membraine*, MTA u IM bix-xogħlijiet ul-kunsill bil-materjal.

## 21.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

21.4.1 **Is-Seg. Eżek. ikkomunika dan li-ġej lill-kunsillieri preżenti:**

- **Clean Up**: Is-Seg. Eżek. informa li kien hemm konkorenza tajba ħafna għal clean up tas-Sibt 20 ta' Settembru 2025. Kien hemm talba li din issir aktar ta' spiss u ġie ssuġerit li dawn it-tip ta' *Clean ups* isiru kull tlett jew erba' xhur.

21.4.2

- Il-Viċi Sindku issuggerixxa li jistgħu isiru f'żoni interni wkoll biex mhux dejjem isiru fl-*outskirts.* Kien hemm qbil dwar dan.

**Attivita' San Tarcisju**:

- Is-Seg. Eżek. informa li kien hemm attendenza tajba għal din l-attivita u r-ringrazzja lill-Kunsillier Z. Zammit għall-ħidma tiegħu.

- Il-Viċi Sindku irrimarka li wara l-ispjegazzjoni li tah is-Seg. Eżek. huwa fhemm li l-Festa ta' San Tarċisju hija festa sekondarja tal-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir.

21.4.3 **Aġġustament ta' Fondi**:

- Is-Seg. Eżek. informa li hemm bżonn tigi *minuted* li dawn se jintużaw għal *rubber carpet* għal *playground* tat-Torri kif kien diġa deċiż f'laqgħa oħra.
  ***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti dwar din id-deċiżjoni.***

21.4.4 **Refurbishment Uffiċċju:**

- Is-Seg. Ezek. informa li f'Ottubru se jitkompla *refurbishment* fl-uffiċċju, u se jinqala l-parti mill-uffiċċju tas-Sindku u SE sal-uffiċċji tal-Amministrazzjoni. Informa wkoll kif se tkun l-istruttura tal-ħidma lfejn l-istaff se jkun qed jaħdem jew *remotely* jew mil-*board room*. Għal dan il-fatt se jkollna nkomplu nikru sala għal-laqgħat tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena jew sakemm jitlesta x-xogħol. Il-pjan huwa li sa l-aħħar ta' din is-sena jitlesta x-xogħol.

*Il-Kunsillier W. Baldacchino gie skuzat li jitlaq fit-20.39*

**Bord ta' Evalwazzjoni tat-tenders:**

21.4.5 Is-Seg. Ezek. talab li hemm bżonn ta' tlett membri biex ikunu parti mill-Bord ta' Evalwazzjoni ta' żewġ tenders:

- ***Tender Street Maintenance*** – Kien hemm qbil li l-membri jkunu l-Vici Sindku u l-kunsilliera J. Aquilina u E. Borg
- ***Tender Road Markings*** – Kien hemm qbil li l-membri jkunu l-Vici Sindku u l-kunsilliera J. Aquilina u V. Galea Pace

21.4.6 Il-Kunsilliera J Higgans issuġġerit li f'ħafna żoni tal-għawm, il-kunsill għandu jinstalla numru ta' cigarette bins u bins oħrajn sabiex in-nies jarmu f'kontenituri apposta. Staqsiet ukoll jekk il-kunsill jista' ikellem l-MTA sabiex jitwaħħlu iktar slielen apposta għall-użu ta' l-anzjani kif ukoll *wooden pathways* speċjali fejn jimxu l-anzjani biex ma jiżolqux.

- Kompliet tgħid li fit-19 ta' Novembru ser jiġi organizzat talk fuq is-Saħħa Mentali.
- Saqsiet jekk il-kunsill jista' jissieħeb bħala membru tan-network tal-kunsilli ta' l-UE.

21.4.8 Is-Seg. Eżek. Informa lill-kunsillieri preżenti li kellu jitwaqqa t-tender għall-għażla tal-perit tan-niċċeċ li qadt fadal biex jiġu restawrati, peress li kien hemm problem fl-evalwazzjoni u dan kien ilu li ġie ppublikat iktar minn sena u nofs.
Għaldaqstant saqsa lill-kunsillieri preżenti jekk kienx hemm qbil sabiex jitwaqqa' dan it-tender u jinħareġ wieħed ġdid:
***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.***

21.4.9 Is-Seg. Eżek. Informa lill-kunsillieri preżenti li din il-ġimgħa ġie iffirmat il-kuntratt tat-tender tal-*bulky refuse*.

## 21.5 APPROVAZZJONI TA' QR 2 (APRIL SA GUNJU 2025)

**21.5.1** Ġie mressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti tar-rapport tal-QR2.
***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti***

## 21.6 TIĠDID GĦALL-KARTI TAL-INDENTITA`

**21.6.1** Is-Sindku spjega li kellu komunikazzjoni mas-Sur Mario Fava (President tal-AKL) fejn spjegalu li bħalissa fl-uffiċċju tal-KL m'hemmx post sabiex nilqgħu iktar niex sabiex joffru dan is-servizz lir-residenti. Qal li ser jerġa jitlob laqgħa għal ħabta tax-xahar ta' Frar sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

## 21.7 AĊĊESS GĦALL-BAĦAR – ŻONI PUBBLIĊI

**21.7.1** Il-Kunsillier R Borg spjega li kif spjegat il-kunsilliera J Higgans qabel, hemm rapporti minn anzjani li ma jistgħux jaċċessaw il-baħar u qed jitolbu l-KL biex jieħu xi tip ta' azzjoni. Kompla jgħid li huwa jemmen, li b'investiment żgħir mill-KL fi pjattaformi tal-injam f'ċertu bajjijiet li huma l-iktar iffrekwentati mill-anzjani Slimiżi.
Il-Kunsillier R Borg spjega li kien hemm anzjani li weggaw u b'daqxejn investiment nistaw nipprevjenu xi korriment jew tbatija.

R Borg, staqsa lill-kunsillieri preżenti jekk jaqblux li għandhom jintużaw fondi tal-KL sabiex isiru dawn il-pjattaformi tal-injam.

- Is-Sindku rrimarka li l-KL qatt ma beża' jonfoq il-flus. Għaldaqstant hu qal li jrid isir komunikazzjoni mal-MTA u CleanMalta sabiex dan isir, bi spejjeż koperti mill-KL.

- Il-kunsillier J Aquilina saħaq li l-kunsillier R Borg m'għandux jibqa jinsisti sabiex jittieħed vot dwar dak li ippropona, għaliex iħoss li dan qed isir sabiex, jekk jintilef il-vot, R Borg ikun jista' jgħid li dak li ppropona għall-anzjani Slimiżi ma ġiex aċċettat mill-KL.

- Il-kunsillier R Borg irribatta billi jgħid li kull darba li ressaq proposta fil-KL dan qatt ma ġiet aċċettata u din il proposta la hija politika u lanqas hija ta detriment. Fl-aħħar minn l-aħħar kullhadd għandu jieħu responsabilta' tal-vot li jieħu.
Il-kunsillier R Borg ma f'hemx ghala Il-kunsillier J Aquilina kien daqsekk kontra ax anzjani kienu ser igawdu minn din il-

proposta. Li jittieħed vot hija prerogattiva ta' kull kunsillier u mux l-ewwel darba li saret minn kunsilliera oħra.

- Il-Viċi Sindku qal li jrid isir komunikazzjoni mal-MTA u CleanMalta sabiex dan isir, bi spejjeż koperti mill-KL u dawn l-entitajiet jieħdu r-responsabbiltà' tat-twaħħil, żarmar u irfieħ ta' dawn il-pjattaformi tal-injam.

- Il-kompromess tal-Viċi Sindku kien kompromess posittiv u ġie appoġġat mil-kunsillier R Borg. Dan il-kompromess ġie aċċettat unanimament mill-Kunsillieri preżenti.

- Il-kunsillier J Aquilina ssuġerixxa biex isir *audit* tal-bajjiet fejn għandhom isiru l-pjattaformi tal-injam u ssir komunikazzjoni mal-entitajiet governattivi responabbli sitt xhur qabel l-istaġun tas-sajf biex isir dan l-intervent.

## 21.8 *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;*

**21.8.1** Ma kien hemm l-ebda rapport ippreżentati waqt il-laqgħa

## 21.9 *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI;*

**21.9.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier J Higgans is-sekondat.

## 21.10 MOZZJONIJIET

**21.10.1** Ma kien hemm l-ebda talba biex tiġi imressqa mozzjoni.

## 21.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**21.11.1** Is-seduta ntemmet fit-9:10pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **21 ta' Ottubru 2025**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |